**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M. (IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 435/2015JB

Numru 16

**Claude Cassar**

***vs***

**Micra Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-1 ta' Gunju 2015, li jaqra' hekk:

> Illi l-esponent jiggestixxi negozju li jgib l-isem ta' Grillo Bar & Grill gewwa il-Belt Valletta.
>
> Illi skond ma jirrizulta minn *confirmation order* datata 17 ta' Ottubru, is-socjeta konvenuta obbligat ruhha tikkonsenja merce fi zmien 4 gimghat mid-data tal-konferma hekk kif minnhom pattwit u dana anke wara li thallset is-somma ta' €3,000 bhala depozitu.
>
> Illi madanakollu s-socjeta' konvenuta naqset li taghmel dan u per konsegwenza l-attur gie kostrett jaghmel arrangamenti ohra sabiex ikun f'posizzjoni jkompli jiggestixxi n-negozju tieghu b'dana illi s-socjeta' konvenuta naqset mil-obbligi taghha naxxenti mill-istess dokument datat nhar is- 17 ta' Marzu 2013.
>
> Illi susseguentement l-attur permezz ta' Ittra ufficjali numru 1721/2014 xolja l-appalt.
>
> Illi ghalkemm giet interpellata diversi drabi s-socjeta' konvenuta naqset milli tirrifondi l-ammont ta' €3,000 imhallas bhala depozitu.
>
> Ghaldaqstant l-esponent jitlob illi dan it-Tribunal joghgbu jordna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lura s-somma ta' €3,000 mhallsa bhala depozitu, salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali inkluz tal-ittri interpellatorji datati l-25 ta' April 2014, 25 ta' Settembru 2014, u l-ittra ufficjali numru 1721/2014.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta, fit-13 ta' Lulju 2015 li permezz taghha laqghet ghal din il-kawza billi wiegbet kif gej:

Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari t-talba attrici tikkostitwixxi vjolazzjoni flagranti tad-dettami tal-ekwita' in kwantu illi din hija t-tieni procedura illi qieghdha tigi soggetta ghaliha s-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-istess mertu, wara llli kienet giet intavolata mill-attur talba identika (Avv. Nru. 748/14YMS) illi kienet giet ceduta wara illi nghalqu il-provi tal-istess attur u qabel ma kellha s-socjeta' konvenuta l-opportunita' illi tressaq il-provi taghha, u kwindi t-talba odjerna mressqa mill-attur quddiem dan it-Tribunal ghandha tigi ddikjarata inammissibbli u insostenibbli.

Illi minghajr pregudizzju, fit-tieni lok u wkoll b'mod preliminari, t-talba odjerna giet imtempestivament intavolata, stante illi ghadhom ma thallsux mill-attur l-ispejjez gudizzjarji minnu dovuti lis-socjeta' intimata in konnessjoni mat-talba suriferita (numru 748/14YMS) – kopja tat-Taxxa Ufficjali tad-Drittijiet u l-Ispejjez;

Illi minghajr pregudizzju, fit-tielet lok u fil-mertu, t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi filwaqt illi mhux ikkontestat il-fatt illi l-konsenja mertu tal-kawza ma saritx sas-17 ta' April 2014, dan kien bi ftehim car bejn il-partijiet;

(ii) Illi kien l-attur illi madanakollu kkonferma l-ordni, b'dan illi s-socjeta' konvenuta ghaddiet biex tinkorri spejjez ta' transport u ta' *storage*, kollox kif ser jigi ampjament ippruvat tul it-trattazzjoni tal-kaz;

(iii) Illi kien l-attur illi meta waslet il-konsenja, ingustament u minghajr ebda raguni valida rrifjuta illi jigbor il-merce minnu ordnata u jhallas il-bilanc tal-prezz – dan anke wara illi gie hekk interpellat permezz tal-Ittra Legali tat-8 ta' Mejju 2014 u tal-Ittra Ufficjali tat-18 ta' Gunju 2014;

(iv) Illi ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi sabiex fic-cirkostanzi ssir ir-rifuzjoni tad-depozitu skond kif qieghed jitlob l-attur;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2015 fejn it-Tribunal ordna li jigu allegati l-atti tal-kawza fl-istess ismijiet numru 748/2014YMS;

Sema' x-xiehda ta' Raymond Micallef prodott mis-Socjeta Konvenuta fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2015;

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru 2015 fejn, prevja trattazzjoni, il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta fil-waqt li t-tieni eccezzjoni giet irtirata;

Ra l-Atti tal-kawza fl-istess ismijiet numru 748/2014YMS;

Ra n-nota prezentata *seduta stante* nhar it-30 ta' Settembru 2015 fejn l-Attur irriduca t-talba tieghu ghal elfejn u disa' mitt euro (€2,900);

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-Partijiet;

Ikkunsidra;

Illi l-kwistjoni li t-Tribunal ghandu quddiemu hija wahda purament procedurali fejn is-Socjeta Konvenuta qieghdha tilqa' ghall-azzjoni attrici billi tqanqal eccezzjoni preliminari dwar l-inammissibbilita tal-kawza odjerna, liema eccezzjoni (kif wara kollox gie verbalizzat

fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2015) hija msejjsa fuq id-dispozizzjonijiet tar-Reg. 8 tar-Regoli dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (L.S. 380.01). Din id-dispozizzjoni tipprovdi kif gej:

> (1) Kull parti tista' iccedi talba jew kontro-talba matul kull seduta jew permezz ta' nota li tigi prezentata fir-Registru.
>
> (2) Parti li ccedi talba jew kontro-talba ma tistax iktar 'il quddiem tkompli ghaddejja bihom jew terga' tipprezenta xi talba ohra dwar dik l-istess talba jew kontro-talba.

Illi l-Art. 907 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) jipprovdi dwar l-istitut tar-rinunzja ghall-atti kif gej:

> (1) Ir-rinunzja ġġib l-istess effetti tad-deżerzjoni.
>
> (2) Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra.

Illi mid-dicitura tal-ligi, jidher car li l-legizlatur mhux qieghed jillimita l-applikazzjoni tal-istitut fondat fuq id-dispozizzjonijiet tal-Art. 907 tal-Kap. 12 ghac-cessjoni ta' kawza imma, b'mod aktar wiesgha, qieghed jaghmel riferenza ghar-rinunzja ghall-atti. It-terminu "atti" certament huwa usa' minn kawza u mhemmx dubju li jinkludi fih riferenza ghal kawzi, kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet "Doris Arry *et vs* Emmanuel Zammit" deciza fis-17 ta' Jannar 2001:

> Illi kif jidher car mill-istess artikoli, r-rinunzja hemm indikata tirreferi ghal xi att li jaghmel l-attur fil-kawza, b'mod li jgib it-terminazzjoni tal-pendenza quddiem il-Qorti li jkun originarjament ressaq huwa stess, u zgur li dan jirreferi ghall-atti ta' cessjoni ta' kawza.

Isegwi ghalhekk li f'ambitu ta' proceduri civili ordinarji: (i) ic-cessjoni ggib l-istess effett tad-dezerzjoni; u (ii) il-parti li ccedi l-kawza ghandha l-jedd tipproponi l-kawza mill-gdid kemm-il darba tħallas l-ispejjeż tal-kawża li tkun giet ceduta. Huwa car li l-parti li ccedi ma tkunx tista' tibda' "*kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra*". Kif irriteniet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tas-16 ta' Gunju 1931 fl-ismijiet "Neg.te Joseph Gasan *vs* Giuseppe Scerri *et*": "*la rinunzia agli atti di regola importa la estinzione della procedura, e non quella dell'azione, ed in conseguenza la rinuncia con animo di meglio derigersi lascia aperto il diritto alla riproposizione della stessa domanda;*"[1]

Huwa sinifikattiv li l-ligi tuza l-kriterju ta' "*kawża oħra għall-istess ħaġa"* u ma torbotx, jew ahjar, ma tekwiparax dan l-istitut mal-istitut tar-*res judicata* fejn il-kriterji huma tlieta u cjoe *eadem res, eadem personae, eadem causa petendi*. Fil-fehma tat-Tribunal, l-elementi kostitutivi tar-*res judicata* ma japplikawx fil-kaz ta' cessjoni. Jekk xejn, ghaliex ir-*res judicata* tippresupponi l-ezistenza ta' kawza gja deciza meta fil-kaz ta' cessjoni certament li l-kawza ma tkunx giet deciza;

Irid jinghad madankollu li l-pozizzjoni hija kemmxejn diversa kemm-il darba l-attur jirrinunzja wkoll ghall-azzjoni kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tas-6 ta' Dicembru 1871 fl-ismijiet "Neg.te Michele Albanese et noe vs Can. Arciprete Michele Albanese *noe*": "*Che sebbene l'effetto della rinuncia agli atti di regola si limita al solo*

---

[1] Koll. [1931] XXVIII.iii.737

*annullamento degli atti, tuttavia pero' quando la nota di rinuncia agli atti contiene espressioni particolari dale quali si potesse scorgere un'abbandono dell'azione, l'effetto di una tale rinuncia si estende anche all'estinzione dell'azione.*"[2] Dan ifisser ghalhekk li f'ambitu ta' procedura civili, ir-regola li c-cessjoni mhijiex fatali ghall-azzjoni mhijiex wahda assoluta u hemm eccezzjoni ghaliha;

Quddiem dan l-insenjament wiehed irid jistabilixxi x'inhuma l-kriterji li a bazi taghhom jista' jasal ghall-konkluzjoni li kawza gdida tigi ekwiparata ma' kawza li tkun giet ceduta;

Fil-fehma tat-Tribunal, kif wara kollox jidher li huwa pacifiku, l-azzjoni titqies li tigi istitwita mill-gdid mill-parti rinunzjanti meta din mhux biss tkun fuq l-istess mertu imma wkoll kontra l-istess persuna (Ara f'dan is-sens "*Accountant General vs* Anthony Gauci" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Mejju 2000);

Illi madankollu jrid jinghad li l-ligi specjali li titratta l-operat ta' dan it-Tribunal, fil-waqt li ma testendix l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet dwar ir-rinunzja ghall-atti kontenuti fil-Kap. 12 ghall-kawzi li jingiebu quddiem dan it-Tribunal, tipprovdi mizura *ad hoc* fejn imiss ma' cessjoni ta' kawza u cjoe d-dispozizzjoni invokata mis-Socjeta Konvenuta. Dan naturalment ma jfissirx li t-Tribunal mghandux ikun iggwidat mill-principji generali tal-ligi tal-procedura taghna meta jigi biex iqis il-fondament tal-istitut tac-cessjoni, u ghalhekk l-insenjament fuq citat ghandu rilevanza;

Issa fil-kaz odjern, titwila anke superficjali lill-atti taz-zewg kawzi u cjoe dik odjerna kif ukoll dik fl-istess ismijiet bin-numru 748/2014YMS ghandha twassal ghall-konkluzjoni illi f'dawn iz-zewg kawzi mhux biss il-partijiet huma l-istess talli t-talba u l-premessi li fuqhom hi msejjsa huma identici;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) u l-legislazzjoni sussidjarja maghmula bis-sahha tieghu jipprovdu dwar kif ghandhom jitmexxew il-proceduri quddiem dan it-Tribunal, u dan bhala tribunal specjali li lanqas ma hu marbut bir-regoli tal-Kap. 12 (*Vide* "Wands Limited *vs* William Dingli *et*" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-8 ta' Jannar, 2010). Hu ben assodat il-fatt li dan it-Tribunal gie mwaqqaf permezz ta' att legislattiv specjali (Kap. 380), huwa tribunal specjali billi hekk hemm indikat sija fid-dibattiti parlamentari kif ukoll fl-istess funzjonijiet u procedura specjali applikabbli. (Ara f'danis-sens "Dennis Mifsud *vs* Albert Degiorgio" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Frar 2004). Huwa maghruf li *lex specialis derogat generalis* u l-kaz odjern certament li mhuwiex eccezzjoni;

Illi fi kwalunkwe kaz, kif gja rajna, il-fatt li cessjoni tista' testendi mir-rinunzja ghall-atti ghal tmiem tal-azzjoni, mhuwiex ghal kollox estraneju fil-procedura civili ordinarja;

Ikkunsidra;

Illi l-fatt li l-Attur irriduca l-pretensjoni tieghu, fil-fehma tat-Tribunal ghandu ftit jew xejn rilevanza u dan ghaliex il-fattispecje tal-kaz baqghet l-istess u effettivament, il-kawza giet riproposta bhal dik li kienet ceduta;

---

[2] Koll. [1871] V.648

Illi għalhekk hu car li bil-kawża odjerna l-attur rega' ippropona azzjoni li kien ċeda u l-liġi speċjali li tirregola l-proċedura ta' dan it-Tribunal, dan ma tippermettihx;

Illi t-Tribunal iqis li l-liġi qiegħdha hemm biex tiġi applikata u mhuwiex aċċettabbli li l-ftit proċeduri li jirregolaw it-tmexxija tal-kawżi quddiemu ma jiġux osservati. Mhemmx dubju li l-proċeduri *ad hoc* li jirregolaw dawn it-talbiet żgħar huma intiżi sabiex jiżguraw speditezza tant li l-liġi trid li kawża tinqata' kemm jista' jkun malajr, possibilment f'seduta waħda. Hija ħasra li l-kawżi quddiem dan it-Tribunal xi drabi jitwalu b'mod inspjegabbli u b'konsegwenza t'hekk ibatu l-partijiet. Certament li wieħed għandu jirregola ruħu skond il-proceduri sabiex jinżamm l-ordni. Fuq kollox, għad li dan it-Tribunal jimxi a bażi tal-prinċipji tal-ekwità (kif sewwa ġie suġġerit mill-abbli difensur tal-Attur), rinfaccjat b'eċċezzjoni bħal dik odjerna ma jistax jabdika mir-responsabilità li japplika l-liġi. Fuq kollox, kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-4 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet "Francis Vella *vs* Josephine Bartolo" dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ekwità fi proċeduri quddiem dan it-Tribunal:

> …hemm ukoll l-artikolu 7(1) tal-istess Kapitolu li jispeċifika li 't-Tribunal għandu jaqta kull talba u kontro-talba prinċipalment skond l-ekwità'.' Dawn il-provvedimenti donnhom jindikaw li t-Tribunal jista jiddeċiedi l-kwestjonijiet quddiemu skond kif jidhirlu li hu ġust. In effett l-ekwita' litteralment tfisser appuntu ġustizzja jew aħjar rikors għal prinċipji tal-ġustizzja sabiex tiġi supplimentata l-liġi... Għalkemm il-liġi għandha l-għan li ssir il-ġuistizzja, pero' mhux dejjem dak li hu legali hu ukoll ġust. In effett l-ekwita' hu prinċipju diffiċli biex jiġi applikat u biex jinftiehem b'mod partikolari fil-kuntest tal-liġi. L-ekwita' pero' ma tista' qatt tissostitwixxi l-liġi. L-ekwita' għandha jkollha funzjoni li tissupplimenta u tassisti l-liġi u dan anke billi possibilment u fejn ikun il-każ timmodera r-rigur tal-liġi bil-għan li ssir il-ġustizzja. L-ekwita' tassisti l-liġi fejn din hi mankanti u tista tgħin sabiex jiġu respinti tentattivi biex tiġi evasa l-liġi. L-ekwita' m'għandix ikollha l-funzjoni li tiddemolixxi l-liġi iżda għandha tgħin il-liġi. Hu diffiċli biex jinftiehem u biex jiġi applikat dan il-kunċett peress li jridu jiġu konċiljati l-kunċett r-rigur tal-liġijiet u l-kunċett li trid issir il-ġustizzja. Dan hu hekk stante li, kif ġia rilevat, hu possibbli li meta jiġu applikati l-liġijiet, li għandhom dejjem jiġu applikati nonostante li jistgħu jkunu iebsin, ma ssirx ġustizzja. Dak li hu ekwu neċessarjament hu ġust pero' dak li hu ekwu jista' jkun li jmur kontra l-liġi. Possibilment għandu jinstab bilanċ bejn dak li hu skond il-liġi u dak li hu ġust u tali bilanċ jista possibilment jintlaħaq permezz tal-interpretazzjoni tal-liġi, li twassal għad-deċiżjoni u li hu l-kompitu ewlieni tal-ġudikant. Difatti l-artikolu 8(2)(d) tal-istess Kapitolu 380 jipprovdi li jista jkun hemm appell meta t-Tribunal 'b'mod gravi' ma josservax l-imparzjalita' jew l-'ekwita' skond il-liġi.' Dan il-provvediment jenfasizza li l-prinċipju tal-ekwita' ma jistax jiġi applikat waħdu iżda għandu jiġi applikat in suddatittanza tal-liġi.

Fil-każ odjern, il-provvediment ċitat mill-konvenut ossia r-Reg. 8 tal-L.S. 380.01 hu car, bl-istess mod li hu car li l-azzjoni odjerna hi identika għal dik bin-numru 748/2014YMS liema kawża kienet ġiet ċeduta quddiem dan it-Tribunal nhar it-23 ta' April 2015;

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta Konvenuta u konsegwentemet jiċħad it-Talba attriċi. Spejjeż jitħallsu mill-Attur.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*